**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 8 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru. 53/14**

**Harald Kunz, detentur tal-karta tal-identita numru 0071352A u Michael Bock, detentur tal-karta tal-identita numru 0083000A**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Harald Kunz u Michael Bock** fit-8 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:-

*“*

1. *Illi l-esponenti huma cittadini Germanizi li stabbilew ir-residenza normali taghhom gewwa Malta;*

2. *Illi fis-sena 2012 l-esponenti kienu ressqu applikazzjonijiet separati mal-Awtorita' intimata sabiex jottjenu kull wiehed minnhom licenzja tas-sewqan f'Malta u ghal dan il-ghan huma ottemperaw ruhhom mal-procedura stipulata mill-Awtorita' intimata sabiex jottjenu tali licenzji;*

3. *Illi l-procedura stipulata mill-Awtorita intimata ghall-otteniment ta' licenzja tas-sewqan kienet dik indikata fuq il-website tal-istess Awtorita intimata (estratt ta' liem qed jigi hawn anness u markat Dok “A”) fejn taht il-partita “Applying for the Practical Test” ma kienx hemm indikat li l-esponenti kellhom jimlew xi formola ghajr ghal formola maghrufa bhala “DRV 20”;*

4. *Illi izda, peress li l-esponenti huma ta' nazzjonalita barranija, gew mgharrfa illi, apparti r-rekwiziti tal-procedura stipulata fuq il-website tal-Awtorita intimata, kienet rikjesta l-formola preskritta mill-Awtorita maghrufa bhala "DRV 29" intitolata "Application for a Driving Licence Declaration of Residence", kopja ta' liem qed tigi hawn annessa u markata bhala Dok "B";*

5. *Illi taht il-partita markata bl-ittra C tal-istess applikazzjoni, intitolata "Declaration of Residence", il-formola preskritta tipprefiggi, minghajr opportunita' ta' ghazla jew varjazzjoni, numru ta' dikjarazzjonijiet relatati mar-residenza u ohrajn relatati mal-licenzja tas-sewqan;*

6. *Illi dawn relatati ma' licenzji ta' sewqan precedenti dawn jikkonsistu fis-segwenti tlett dikjarazzjonijiet:-*

   *a. "I declare that I have never held a driving licence in any other Member State;*

   *b. I declare that if I hold a driving licence in a third country I shall withdraw the driving licence to the Authority;*

   *c. I declare that I never had a driving licence refused, revoked, withdrawn or suspended by another member state or third country."*

7. *Illi fil-formola prestabillita mill-Awtorita' dawn id-dikjarazzjonijiet ma jhallux lill-applikant ivarja jew jikkwalifika jew izid mal-istess dikjarazzjonijiet ghaliex altrimenti l-applikazzjoni ma tkunx skont il-formola preskritta mill-istess Awtorita intimata;*

8. *Illi sabiex jottemperaw ruhhom mal-formola preskritta, l-esponenti kienu kostretti jimlew l-applikazzjoni in kwistjoni;*

9. *Illi l-esponenti kienu diga ottjenew licenzja ta' sewqan mill-Germanja izda minhabba xi kontravenzjonijiet l-esponenti kienu gew skwalifikati mis-sewqan ghal perjodu ta' zmien, liema perjodu ta' skwalifika kien spicca meta huma ressqu l-applikazzjoni taghhom ghal-licenzja tas-sewqan f'Malta u dana kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok "C" u Dok "D";*

10. *Illi, wara li kienu ghaddew mill-ezami tat-teorija, l-esponenti ssottomettew applikazzjoni fuq il-formola preskritta maghrufa bhal "DRV 20" intitolata "Application for driving test (Practical)" (kopja ta' liem qed tigi esebita bhala Dok "E") liema ezami huma m'ghaddewx minnu u kif inhi l-procedura normali, l-Awtorita intimata tistieden lill-applikant sabiex jerga' jaghmel l-ezami tal-prattika billi tiffissa gurnata u hin sabiex isir ir-re-test izda fil-kaz taz-zewg rikorrenti, dan baqa' qatt ma sar;*

11. *Illi, aktar kmieni din is-sena l-Awtorita talbet u giet provduta bid-dokumentazzjoni relattiva in konferma tal-iskadenza tal-perjodu ta' skwalifika li kien gie impost mill-Istat Tedesk fir-rigward tal-licenzja tas-sewqan li kellhom l-esponenti fil-Germanja, izda l-esponenti baqghu ma rcevew ebda riskontru mill-Awtorita intimata minkejja nuru ta' tentattivi u korrispondenza mibghuta mill-esponenti;*

12. *Illi, eventwalment, permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2014, l-esponenti gew avzati bid-decizjoni mittiehda mill-Awtorita intimata li l-applikazzjoni taghhom ma kinitx ser tigi processata aktar ghaliex skont l-istess Awtorita' l-esponenti "had filled in and presented a false declaration"; (Dok "F")*

13. *Illi l-esponenti qeghdin jikkontestaw din id-decizjoni in kwantu l-esponenti m'ghamlu ebda dikjarazzjoni falza ladarba l-iskwalika mis-sewqan imposta mill-istat Tedesk kienet giet estinta b'rizultat tal-fatt li kien skada l-perjodu ta' skwalifika impost;*

14. *Illi, f'kull kaz, il-formola preskritta mill-Awtorita intimata hija tali li teskludi li applikant, li jkun giet soggett ghal skwalifika u l-iskwalifika mis-sewqan tieghu tkun skadiet, li juzufruwixxi mid-dritt moghti mir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Licenzji tas-Sewqan) (Avviz Legali 191 tal-2002) sabiex regolarment japplika ghal licenzja tas-sewqan;*

15. *Illi dan l-istat ta' fatt huwa rez aktar gravuz f'cirkostanzi fejn l-artikolu 55 tar-Regolamenti imsemmija jispecifika illi skwalifiki mis-sewqan impost minn Stati ohra ma jkollhomx effett f'Malta jekk tali skwalifika tkun diga giet enforzata kompletament fl-Istat tal-kontravenzjoni kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal, previa kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna inkluz dikjarazzjoni li l-formola preskritta mill-Awtorita, maghrufa bhala DRV 29 intitolata "Application for a Driving Licence Declaration of Residence" ma tippermettix ghal sitwazzjonijiet fejn l-applikant japplika ghal licenzja tas-sewqan wara li jkun skada perjodu ta' skwalifika impost minn stat iehor membru tal-Unjoni Ewropea,*

1. *Tiddikjara li d-decizjoni tal-Awtorita intimata li ma tkomplix tipprocessa l-applikazzjonijiet tal-esponenti ghal hrug ta' licenzja ta' sewqan hija irregolari;*
2. *Konsegwentement tikkundanna lill-Awtorita intimata sabiex tkompli tipprocessa l-applikazzjonijiet imsemmija u tistabilixxi data u hin jew dati u hinijiet sabiex jerga' jsir l-ezami prattiku tal-esponenti ghall-otteniment ta' licenzja tas-sewqan."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Maltaypprezentata fl-24 ta' Lulju 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Preliminarjament l-irritwalita` tar-rikors tal-appell illi ghalih qed issir din ir-risposta stante illi effettivament gie intavolat appell wiehed minn zewg persuni differenti in rigward tar-rifjut tal-Awtorita` intimata li tkompli tipprocessa l-applikazzjonijiet separati tar-rikorrenti Kunz u Bock ghall-otteniment ta' licenzja tas-sewqan, u dan f'cirkostanzi fejn il-ligi ma tippermettix il-konnessi tal-azzjonijiet. Konsegwentement ir-rikors tal-appell huwa irritu u null u ghandu jigi michud.*

2. *Preliminarjament ukoll l-irritwalita` tar-rikors tal-appell stante li ma jikkontjenix lista tax-xhieda kollha li bi hsiebhom iressqu l-appellanti u parti sostanzjali mid-dokumenti esebiti m'humiex tradotti fil-lingwa Maltija jew Ingliza.*

3. *Sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-appell interpost huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bis-sanzjoni tal-ispejjez doppji. Ir-*

*rikorrenti Kunz u Bock ipprezentaw applikazzjonijiet separati ghall-otteniment ta' licenzja tas-sewqan u f'dawn l-applikazzjonijiet (li huma dokumenti pubblici) ghamlu dikjarazzjoni falza (bi vjolazzjoni tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, tant li saret talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jistitwixxi proceduri kriminali kontra l-istess rikorrenti) billi ddikjaraw illi huma qatt ma kellhom licenzja tas-sewqan ta' Stat Membru iehor tal-Unjoni Ewropea – dikjarazzjoni li hija kompletament falza ghaliex kemm ir-rikorrent Kunz u kif ukoll ir-rikorrent Bock kellhom licenzja tas-sewqan mahruga mill-Germanja izda din kienet giet revokata minhabba diversi vjolazzjonijiet ta' regolamenti tas-sewqan skont sentenzi moghtija mill-Qrati Germanizi. Izda minkejja li l-Awtorita` rispondenti agixxiet b'mod responsabbli billi rrifjutat li tkompli tipprocessa applikazzjonijiet kontenenti dikjarazzjoni falza, ir-rikorrenti kellhom l-ardir li jipprezentaw dan l-appell u li jitolbu l-ghajnuna ta' dan l-Onorabbli Tribunal biex ikomplu ghaddejjin bl-attivita` kriminuza taghhom!! Ghalhekk qed jerga' jigi mtenni li l-appell ghandu jigi michud bis-sanzjoni tal-ispese doppie.*

4. *Illi possibilment saret dikjarazzjoni falza wkoll fir-rigward tal-kriterju tar-residenza stante illi jirrizulta li kienu qed isiru diversi applikazzjonijiet ta' persuni barranin ghal-licenzja tas-sewqan li kollha kienu qed juru l-istess indirizz ta' residenza minghajr ma jidher li kien hemm ebda parentela jew konnessjoni bejn tali applikanti.*

5. *Illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata li minnha sar l-appell de quo agitur hija wahda tajba, ghaqlija, responsabbli u skont il-ligi u ghalhekk m'hemm ebda raguni ghaliex ghandha tigi revokata."*

Ra s-sentenza preliminari moghtija fl-20 ta' Novembru 2014 fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata;

Ra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 20 ta' Lulju 2016 li permezz taghha l-appell tal-Awtorita` intimata gie dikjarat null u l-atti gew mibghuta lura quddiem dan it-Tribunal biex jissokta bis-smiegh tal-kaz;

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti agixxew b'dan ir-rikors stante li hassewhom aggravati bil-kontenut ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2014 fejn l-Awtorita` intimata infurmathom li ma kinitx se tipprocessa l-applikazzjoni taghhom ghall-hrug ta' licenzja tas-sewqan stante li skond hi r-rikorrenti kienu ghamlu dikjarazzjoni falza fl-istess applikazzjoni. Ir-rikorrenti gew mgharrfa wkoll illi l-kaz gie riferut lill-Awtoritajiet Germanizi u lill-Pulizija f'Malta.

**Ir-rikorrent Harald Kunz** spjega illi huwa beda jirrisjedi hawn Malta fl-2011 u f'Jannar tal-2012 inhargitlu karta ta' l-identita` Maltija li ghadha valida sal-lum il-gurnata. Jispjega li f'Jannar 2012 huwa ssottometta applikazzjoni mal-Awtorita` intimata biex tinhariglu licenzja tas-sewqan Maltija. Jghid li huwa kellu licenzja tas-sewqan barranija pero` kienet giet irtirata ghal perjodu ta' sena wara li kien wettaq kontravvenzjoni stradali. Jghid li s-sospensjoni tal-licenzja kienet valida sat-3 ta' Jannar 2012 u dan kif jirrizulta minn dokument esebit minnu a fol. 21 tal-process. Jispjega illi huwa ghamel il-parti teoretika tal-ezami tas-sewqan hawn Malta u mbaghad applika ghall-parti prattika tal-ezami. Jghid li huwa ipprova t-test ghal tlett darbiet pero m'ghaddiex u sussegwentement l-Awtorita` intimata infurmatu li ma setghax jerga' jaghmel it-test. Jghid li ghall-ewwel haseb li dan gara peress li ma kienx ghadda numru ta' drabi pero` xi sena wara gie infurmat li ma kienx se jithalla jerga' joqghod ghat-test prattiku peress li kien ghamel dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni. Jispjega li eventwalment ghamel appuntament ma' ufficjal tal-Awtorita` li nfurmah li l-licenzja tieghu kienet giet sospiza sal-2026. In kontro-ezami r-rikorrent stqarr li huwa kien ghamel dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni fis-sens li indika li huwa qatt ma kellu licenzja tas-sewqan barranija. Mistoqsi fejn kien jghix fil-perjodu meta huwa ssottometta l-applikazzjoni tieghu huwa wiegeb li kien joqghod il-Belt pero` ma ftakarx l-indirizz ezatt.

**Dr. Nicola Magro Exelsson** xehdet illi fl-2014 kienet avvicinata mir-rikorrenti dwar kwistjoni li kellhom mal-Awtorita` intimata rigward l-applikazzjoni taghhom ghal licenzja tas-sewqan. Tispjega li fl-opinjoni taghha l-Awtorita` intimata kienet qieghdha tinterpreta hazin id-dokumenti Germanizi sottomessi lilha u cioe` l-Awtorita` intimata ma kinitx qieghda tifhem illi t-terminu tas-sospensjoni tal-licenzja fil-Germanja kien spicca. Tispjega li l-klijenti taghha kienu anke pprezentaw traduzzjoni tad-dokumenti sottomessi lill-Awtorita` intimata. Tispjega li skond hi d-data tat-terminazzjoni tas-sopensjoni kienet 9 ta' Awwissu 2011.

**Sylvana Bartolo**, *Deputy Chief Officer* tal-Awtorita` intimata, spjegat illi jekk persuna jkollha licenzja ta' pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja ma jistghax ikollha licenzja ta' pajjiz iehor membru. Pero`, persuna tista' taghmel skambju tal-istess licenzja ma' dik ta' pajjiz membru iehor. Ghalhekk f'dan il-kaz, jekk ir-rikorrent kellu licenzja tas-sewqan Germaniza ma setghax jerga' japplika ghal wahda Maltija. Mistoqsija jekk il-formola DVR 29 (Application for a Driving Licence - Declaration of Residence) sottomessa mir-rikorrent inbidlitx mill-2013 ix-xhud wiegbet fl-affermattiv u pprezentat il-formola prezenti. Ix-xhud tispjega li l-ewwel pagna taz-zewg formoli, igifieri dik li ntliet mir-rikorrenti u dik prezenti hija l-istess filwaqt li f'dik prezenti zdiedet sezzjoni D intitolata "Addenda to Declaration of Residence" fejn wiehed jista' jnizzel xi riservi li

jista' jkollu dwar dak dikjarat fis-sezzjoni C (Declaration of Residence).

Sylvana Bartolo ipprezentat ukoll affidavit fejn spjegat illi r-rikorrenti ddikjaraw, fost affarijiet ohra, illi huma kienu residenti hawn Malta mill-inqas 185 gurnata fl-ahhar sena kalendarja u li qatt ma kellhom licenzja tas-sewqan fi stat membru iehor. Tghid li *siccome*` z-zewg rikorrenti huma cittadini ta' stat membru tal-Unjoni Ewropeja japplika Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 u li ladarba r-rikorrenti ghamlu dikjarazzjoni falza fir-rigward tal-licenzja tas-sewqan, ma setghetx tinhareg licenzja tas-sewqan ohra mill-Awtorita` intimata. Tispjega wkoll illi ghalkemm iz-zewg rikorrenti ddikjaraw li kienu residenti hawn Malta huma ma kinux imnizzla li joqghodu fl-indirizz moghti minnhom fl-applikazzjoni u dan kif jirrizulta mir-Registri Elettorali ta' April 2011, Ottubru 2011, April 2012 u Ottubru 2012, li estratti minnhom gew esebiti in atti. In kontro-ezami stqarret illi jekk il-licenzja tkun sospiza fi Stat Membru iehor, l-Awtorita` intimata ma tistghax tohrog licenzja tas-sewqan lokali. Tghid li anke jekk ikun ghadda l-perjodu ta' skwalifika l-Awtorita` intimata ma tistghax tohrog licenzja gdida imma trid taghmel skambju tal-licenzja tas-sewqan mahruga minn Membru Stat iehor. Tispjega li dan kollu jemani mid-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 2006/126 KE.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta illi z-zewg rikorrenti huma ta' nazzjonalita` Germaniza u li t-tnejn li huma, separatament, issottomettew applikazzjoni mal-Awtorita` intimata biex joqoghdu ghat-test tas-sewqan, dak teoretiku u prattiku, li eventwalment iwassal biex tinghatalhom licenzja tas-sewqan mahruga mill-istess Awtorita`.

Illi mill-applikazzjoni tar-**<u>rikorrent Kunz</u>**, esebita a fol. 301 *et seq.* tal-process, jirrizulta illi fil-formula maghrufa bhala DVR 29 huwa ddikjara s-segwenti:-

1. Illi kien ilu residenti hawn Malta mill-inqas 185 gurnata fl-ahhar sena kalendarja;
2. Illi qatt ma kellu licenzja tas-sewqan fi Stat Membru iehor tal-Unjoni Ewropeja;
3. Illi jekk huwa kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn pajjiz terz huwa kellu jirritorna dik il-licenzja lill-Awtorita` intimata;
4. Illi huwa qatt ma kellu l-licenzja tas-sewqan tieghu rifjutata, revokata jew irtirata minn xi Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja jew pajjiz terz.

Illi mill-provi prodotti mill-istess rikorrent jirrizulta illi l-Awtoritajiet Germanizi kitbu lill-Awtorita` intimata fejn infurmawha illi r-rikorrent Kunz ma kienx fil-pussess ta' licenzja tas-sewqan valida stante li din kienet giet irtirata u

minhabba affarijiet ohra (mhux specifikati).[1] Mid-dokument esebit a fol. 66 tal-process jirrizulta illi l-ahhar infrazzjoni li l-Awtoritajiet Germanizi kellhom annotat qabel l-Awtorita` intimata talbet ghall-informazzjoni kienet decizjoni ta' sospensjoni tal-licenzja b'validita` sat-3 ta' Jannar 2012.

Illi ghalhekk jirrizulta illi meta r-rikorrent Kunzipprezenta l-applikazzjoni tieghu fuq il-formula DVR 29 lill-Awtorita` intimata huwa kien ghad ghandu l-licenzja tas-sewqan Germaniza sospiza. Madankollu, huwa ddikjara li la kellu licenzja ohra u lanqas li kellu l-licenzja tieghu sospiza. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jistghax hlief jikkunsidra din id-dikjarazzjoni bhala wahda mhux veritjiera u kwindi l-Awtorita` intimata kellha ragun twaqqaf il-process tal-applikazzjoni tar-rikorrent Kunz.

Illi fir-rigward tar-**rikorrent Bock**, l-istess ma xehedx f'dan il-proceduri. Pero` mis-sottomissjonijet maghmula jirrizulta illi c-cirkostanzi huma l-istess bhal dawk tar-rikorrent Kunz. Madankollu jirrizulta illi l-applikazzjoni tieghu ma nstabitx u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jistghax jivverifika ezatt x'gie dikjarat fl-istess applikazzjoni. Pero` ma jirrizultax illi hemm xi kontestazzjoni illi huwa fil-fatt ghamel l-istess dikjarazzjoni bhal dik tar-rikorrent Kunz.

Illi fir-rigward tar-rikorrent Bock l-Awtoritajiet Germanizi iddikjaraw illi sal-14 ta' Jannar 2014 l-istess rikorrent ma kellu l-ebda tip ta' sospensjoni fuq il-licenzja tieghu. L-ahhar sospensjoni kienet giet fi tmiema fid-9 ta' Settembru 2012.[2]

Illi in vista li t-trattazzjoni principali tar-rikorrenti ddur fuq kif kien ir-regim legislattiv fiz-zmien tal-applikazzjonijiet *de quo*, it-Tribunal se jiccita *verbatim* kif inbidel Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18.

Illi l-imsemmija Legislazzjoni giet *in vigore* permezz tal-Avviz Legali 191 tal-2001 u Regolament 3 kien jaqra s-segwenti:-

*"L-ebda persuna ma tista' ssuq vettura bil-mutur elenkata fl-Ewwel Skeda fi triq pubblika jekk dik il-persuna ma jkollhiex jew licenza tas-sewqan valida jew permess ghal min ikun qed jitghallem li jkunu gew mahruga mill-awtorita` kompetenti."*

Permezz tal-Avviz Legali 172 tal-2011 dan ir-Regolament gie sostitwit bis-segwenti:-

*(1) Ebda persuna ma tista' ssuq vettura bil-mutur elenkata fl-Ewwel Skeda fi triq pubblika sakemm dik il-persuna ma jkollhiex liċenza tas-sewqan valida jew permess għal min ikun*

[1] Ara Dok D a fol. 47
[2] Ara fol. 46

*qiegħed jitgħallem maħruġ mill-Awtorità jew liċenza tas-sewqan valida maħruġa minn xi awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor.*

*(2) Applikazzjoni għal liċenza tas-sewqan minn persuna li jkollha r-residenza normali tagħha f'Malta għandha ssir lill-Awtorità fuq il-formola ordnata.*

*(3) Persuna ma jistax ikollha aktar minn liċenza tas-sewqan waħda fl-istess waqt.*

*(4) Persuna li jkollha liċenza tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor għandha tgħaddi dik il-liċenza lill-Awtorità minnufih qabel tinħarġilha liċenza ġdida mill-Awtorità.*

*(5) Il-liċenza tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità għandha tkun konformi mal-mudell li jinsab fl-Anness I tad-Direttiva.".*

Permezz tal-Avviz Legali 234 tal-2015 l-imsemmi Regolament 3 rega' gie mibdul ghal li gej:-

**3.** *(1) Ebda persuna ma tista' ssuq vettura bil-mutur elenkata fl-Ewwel Skeda fi triq pubblika sakemm dik il-persuna ma jkollhiex liċenza tas-sewqan valida jew permess għal min ikun qiegħed jitgħallem maħruġ mill-Awtorità jew liċenza tas-sewqan valida maħruġa minn xi awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor.*

*(2) Applikazzjoni għal liċenza tas-sewqan minn persuna li jkollha r-residenza normali tagħha f 'Malta għandha ssir lill-Awtorità fuq il-formola preskritta.*

*(3) Persuna li jkollha r-residenza normali tagħha f'Malta m'għandux ikollha aktar minn liċenza tas-sewqan waħda maħruġa lilha minn xi Stat Membru.*

*(4) L-Awtorità m'għandhiex toħroġ liċenza tas-sewqan lil detentur ta' liċenza tas-sewqan valida maħruġa minn awtorità kompetenti fi Stat Membru iehor jekk dik il-persuna ma ikkonsenjax lill-Awtorità l-liċenza tas-sewqan maħruġa minn dik l-awtorità kompetenti.*

*(5) L-Awtorità m'għandhiex toħroġ liċenza tas-sewqan lil applikant li jkollu l-liċenza tas-sewqan tiegħu ristretta, sospiża jew irtirata fi Stat Membru ieħor.*

*(6) Id-detentur ta' liċenza tas-sewqan valida maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor għandu, meta japplika biex dik il-liċenza tas- sewqan tiġi mġedda mill-Awtorità, jikkonsenja dik il-liċenza tas-sewqan lill-Awtorità, u meta l-Awtorità ġġeddidlu l-liċenza tas-sewqan, il-liċenza tas-sewqan li tkun qed tiġi konsenjata għandha tingħata lura mill-Awtorità lillawtorità kompetenti li tkun ħarġitha.*

*(7) Il-liċenza tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità għandha tkun konformi mal-mudell li jinsab fl-Anness I tad-Direttiva."*

Illi kemm l-applikazzjoni tar-rikorrent Kunz u d-decizjoni appellata huma datati qabel id-dhul *in vigore* tal-emendi tal-2015 appena citati. Kwindi kien ghadu japplika r-regim qabel dahal *in vigore* l-Avviz Legali 234 tal-2015. Ghaldaqstant dan it-Tribunal se jissindika d-decizjoni tal-Awtorita` intimata

abbazi ta' kif kienet il-legislazzjoni wara li giet emendata **<u>bl-Avviz Legali 172 tal-2011.</u>**

Illi skond l-istess Avviz Legali persuna li jkollha licenzja tas-sewqan mahruga minn awtorita` kompetenti f'pajjiz iehor ghandha tghaddi dik il-licenzja lill-Awtorita` intimata minnufih qabel tinhargilha licenzja gdida mill-istess Awtorita`. Illi ghaldaqstant fil-kwistjoni de quo, l-Awtorita` meta giet a konoxxenza illi r-rikorrenti kellhom licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtoritajiet Germanizi rrifjutat li tohrog licenzja tas-sewqan Maltija. Issostni wkoll illi ladarba r-rikorrenti kellhom licenzja tas-sewqan ohra huma ghamlu dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni sottomessa minnhom.

Min-naha l-ohra, ir-rikorrent Kunz jammetti li kellu licenzja tas-sewqan fil-Germanja, pero`, jsostni li kienu ssospendewielu ghal cirka sena, liema sospensjoni kienet ghalqet f'Jannar 2012. Jammetti wkoll illi ghamel dikjarazzjoni falza.[3]

Illi r-rikorrent Bock qatt ma ta x-xhieda tieghu f'din il-kawza pero` mill-atti jirrizulta illi l-licenzja tas-sewqan tieghu ukoll kienet soggetta ghal sospensjoni li, pero`, ntemmet f'Settembru 2012.[4] Illi fir-rigward tar-rikorrent Bock dan it-Tribunal ma jistghax jezamina l-applikazzjoni li huwa ssottometta hawn Malta ghax l-Awtorita` intimata stqarret illi tali applikazzjoni ma nstabitx. Pero` m'hemmx kontestazzjoni da parti tal-partijiet illi huwa ghamel l-istess dikjarazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent Bock, u cioe`, li qatt ma kellu licenzja mahruga minn Stat Membru iehor u li l-istess licenzja qatt ma giet revokata, rifjutata, irtirata jew sospiza.

Illi ghalhekk, bhala stat ta' fatt, jirrizulta illi r-rikorrenti ma kinux korretti meta huma ddikjaraw li qatt ma kellhom licenzja tas-sewqan mahruga minn Membru Stat iehor u li jekk kellhom tali licenzja, l-istess qatt ma giet sospiza. Il-fatti juri mod iehor. Ghaldaqstant, fuq dan il-fatt biss, l-Awtorita` intimata, wara li ghamlet l-indagini taghha mal-awtoritajiet Germanizi, kellha kull ragun tirrifjuta li tipprocessa l-applikazzjoni sabiex ir-rikorrenti joqoghdu ghat-test prattiku li jwassal ghall-hrug tal-licenzja tas-sewqan Maltija.

Illi l-Awtorita` intimata ressqet ukoll raguni ohra ghaliex ma pprocessatx l-applikazzjoni tar-rikorrent Kunz, u cioe` illi huwa ghamel dikjarazzjoni falza wkoll ghal dak li ghandu x'jaqsam residenza, b'dan illi ssostni li hu ma kienx residenti hawn Malta fl-indirizz indikat minnu fl-applikazzjoni. Illi min-naha tieghu, ir-rikorrenti Kunz, ma offra l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ta' fejn kien

---

[3] Ara xhieda tar-rikorrent a fol. 128
[4] Ara dokument a fol. 162

joqghod u kemm kien ilu residenti hawn Malta. U ghaldaqstant anke fuq din il-kwistjoni l-Awtorita` intimata kellha kull ragun ikollha d-dubji taghha.

Ghaldaqstant, in vista li kjarament iz-zewg rikorrenti kellhom licenzji tas-sewqan u li t-tnejn li huma f'xi zmien kellhom l-istess licenzji sospizi jirrizulta illi ghamlu dikjarazzjoni falza. Illi l-ghan wara d-direttiva 2006/126 KE hu li persuni li jkollhom licenzja mahruga minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja u li f'dak l-Istat Membru ikollhom xi problema biha, bhal perezempju meta tigi sospiza jew revokata, ma jkunux jistghu japplikaw ghal licenzja tas-sewqan ohra fi Stat Membru iehor u kwindi jrendu fix-xejn is-sospensjoni jew ir-revoka ta' tali licenzja. Kwindi huwa tassattiv illi jekk persuna ikollha licenzja tas-sewqan mahruga minn Stat Membru din tigi rilaxxata a favur dik l-Awtorita` ta' Stat Membru iehor jekk l-individwu jaghzel li jkollu licenzja tas-sewqan f'dak l-istat Membru l-iehor.

Ghaldaqstant l-agir tal-Awtorita` intimata bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat bhala wiehed ingust jew abuziv. L-Awtorita` intimata imxiet mal-legislazzjoni nostrana u mad-Direttiva 2006/126 KE b'mod mill-aktar korrett.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq espressi, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti solidament bejniethom.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**